

Informazzjoni dwar is-segwitu tal-ilment irregiſtrat bir-referenza CHAP(2013)2870

Il-Kummissjoni Ewropea tirreferi għas-sensiela ta' lmenti li rċeviet rigward l-abbuż possibbli ta' kuntratti suċċessivi għal terminu fiss fis-settur pubbliku Taljan.

L-impjegati kkonċernati huma:

- il-persunal impjegat fil-fondazzjonijiet Taljani tal-opri u tal-orkestri
- il-kuntratti għal terminu fiss konklużi mal-għalliema u mal-persunal awżiljarju amministrattiv u tekniku (“persunal tal-ATA”) sabiex jimtlew postijiet tax-xogħol battala temporanji;
- il-kuntratti għal terminu fiss konklużi mal-persunal tal-kura tas-saħħa, inklużi l-maniġers, fis-Servizz tas-Saħħa Nazżjonali;
- il-kuntratti għal terminu fiss konklużi mal-ħaddiema fl-edukazzjoni għolja tal-arti, tal-mużika u taż-żfin (“AFAM”) li għalihom l-awtorità ta' sorveljanza hija l-Ministero dell'Istruzione Università e Ricerca (MIUR, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Universitajiet u r-Riċerka);
- il-kuntratti għal terminu fiss konklużi f'konformità mal-Liġi Nru 240 tat-30 ta' Diċembru 2010. Il-Liġi Nru 240 tat-30 ta' Diċembru 2010 fiha regoli b'rabta mal-organizzazzjoni tal-universitajiet, mal-persunal akkademiku u mar-reklutaġġ tagħhom;
- ir-relazzjonijiet ta' impjeg bejn l-impjegaturi agrikoli u l-ħaddiema għal terminu fiss, kif definit mill-Artikolu 12, is-sottoparagrafu 2 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 375 tal-11 ta' Awwissu 1993;
- is-sejħiet għas-servizz tal-persunal volontarju fil-korp nazżjonali tat-tifi tan-nar.

Il-liġi applikabbli tal-UE

Il-klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP anness mad-Direttiva 1999/70/KE (il-“Ftehim Qafas”)¹ tipprevedi li sabiex jiġu evitati l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' impjeg għal terminu fiss, l-Istati Membri, fin-nuqqas ta' miżuri legali ekwivalenti eżistenti, għandhom jintroduċu waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:

- (a) ir-raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew ir-relazzjonijiet;
- (b) iż-żmien massimu totali ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' impjeg għal terminu fiss;
- (c) in-numru ta' tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew ir-relazzjonijiet.

Għall-konformità mal-klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas, irid jiġi vverifikat b'mod konkret li t-tiġdid ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' impjeg għal terminu fiss huwa intenzjonat biex ikopri l-bżonnijiet temporanji, u li dispożizzjoni nazżjonali ma tiġix użata sabiex tissodisfa l-bżonnijiet ta' persunal fiss u permanenti ta' min ihaddem².

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, ĠU L 175, 10.07.1999, p. 43.

² Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Jannar 2012, *Kücük*, C-586/10, EU:C:2012:39, il-punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-26 ta' Novembru 2014, *Mascolo et Al*, C-22/13, C-61/13, C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, il-punt 101.

F'Settembru 2016, qorti ċivili Taljana (*Tribunale di Trapani*) ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (“QĠUE” jew “il-Qorti”), fil-Kawża C-494/16, *Santoro* li tistaqsi għal gwida dwar jekk il-liġi Taljana tipprevedix protezzjoni effettiva - partikolarment kumpens adegwat - għall-impjegati tas-settur pubbliku li drittijietom, skont il-klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas ġew miksura.³

Din il-kwistjoni qamet f'kuntest fejn ir-regoli nazzjonali f'dan ir-rigward, japplikaw b'mod differenti għall-impjegati tas-settur privat u għal dawk tas-settur pubbliku. Jekk il-ħaddiem huwa impjegat fis-settur privat lil hinn mil-limitu ta' żmien stabbilit fil-kuntratt jew lil hinn mil-limitu massimu ta' 36 xahar, il-leġiżlazzjoni Taljana tipprevedi l-konverżjoni awtomatika ta' kuntratt ta' impjieg għal terminu fiss f'kuntratt għal żmien indefinit fis-settur privat. Min-naħa l-oħra, fejn għandhom x'jaqsmu l-impjegati tas-settur pubbliku, il-kumpens huwa limitat għall-forma ta' somma b'rata fissa u l-ħlas tad-danni għat-telf ta' opportunitajiet favorevoli.

Fid-deċiżjoni tagħha tas-7 ta' Marzu 2018 il-QĠUE kkonfermat li l-Istati Membri jistgħu jitrattaw l-abbuż ta' kuntratti suċċessivi għal terminu fiss b'mod differenti fis-settur pubbliku, dment li jeżistu miżuri effettivi oħra.

Il-QĠUE kkonfermat ukoll li, peress li m'hemm l-ebda obbligu legali għall-konverżjoni tal-kuntratti għal terminu fiss f'kuntratti permanenti għall-ħaddiema fis-servizz pubbliku (peress li dawn tal-aħħar iridu jgħaddu minn kompetizzjoni miftuħa qabel ma jkunu jistgħu jsiru permanenti), dawn il-ħaddiema mhumiex intitolati għall-kumpens tan-nuqqas tal-konverżjoni li għalih huma intitolati l-impjegati tas-settur privat. Madankollu, jenħtieġ li l-impjegati tas-settur pubbliku jkunu intitolati għall-kumpens tat-telf ta' opportunità. Il-kalkolu ta' dan il-kumpens jitħalla f'idejn il-qorti nazzjonali, iżda permezz tar-referenza tagħha għad-diffikultajiet inerenti sabiex tintwera l-eżistenza tat-telf ta' opportunità, il-QĠUE indikat li jenħtieġ li l-oneru tal-prova li dan it-telf ta' opportunità ma kienx jeżisti, ma jkunx fuq l-impjegat.

Oneru tal-prova għoli wisq jista' jxejjen miżura mill-effettività tagħha. Il-Qorti nnutat li, minħabba d-diffikultajiet inerenti sabiex tintwera l-eżistenza tat-telf ta' opportunità, mekkaniżmu ta' preżunzjoni maħsub biex jiggarantixxi li ħaddiem li jkun sofra telf ta' opportunitajiet ta' impjieg, minħabba l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi għal terminu fiss, il-possibbiltà tan-nullifikazzjoni tal-konsegwenzi ta' tali ksur tal-liġi tal-UE għandha tissodisfa r-rekwiżiti tal-effettività.

Il-Qorti tirreferi wkoll għal miżuri eżistenti oħra li jimpedixxu u jippenalizzaw l-abbuż ta' kuntratti għal terminu fiss, bħar-responsabbiltà tal-manigġers kif minqax fl-Artikolu 36(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 165/2001.

Il-QĠUE tikkonkludi li huwa f'idejn il-Qorti tar-rinviju biex tivverifika jekk il-penali eżistenti imposti fuq l-awtoritajiet pubbliċi (il-kumpens ta' somma f'daqqa, il-kumpens għat-telf ta' opportunità u r-responsabbiltà tal-manigġer) huma suffiċjentement effettivi u dissważivi sabiex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet adottati skont il-Ftehim Qafas ikunu effettivi bis-shif.

Hawnhekk il-QĠUE tirreferi għal darb'oħra għall-importanza tal-possibbiltà li l-impjegat jistrieħ fuq preżunzjoni, b'tali mod li huwa f'idejn l-Istat biex jipprova li l-impjegat li kien soġġett għal kuntratti suċċessivi abbużivi għal terminu fiss ma jkun iffaċċja l-ebda telf ta' opportunità biex isib impjieg, jew ma kien ikollu l-ebda suċċess likieku kompetizzjoni ta' reklutaġġ kienet ġiet debitament organizzata.

Id-deċiżjoni se tagħmilha aktar faċli fil-futur għall-ħaddiema fis-settur pubbliku Taljan li jkunu ġew impjegati b'kuntratti suċċessivi abbużivi għal terminu fiss, biex jiksbu kumpens għat-telf ta' opportunità li kienu ffaċċjaw minħabba dawn il-kuntratti suċċessivi abbużivi għal terminu fiss.

³Il-Kawża C-494/16, *Santoro*, EU:C:2018:166.

Barra minn hekk, fi proċedimenti separati, (il-Kawża C-494/17 *Rossato*)⁴, il-Corte d'Appello di Trento għamlet talba għal deċiżjoni preliminari lill-QĠUE, li fiha talbitha għal gwida dwar jekk il-Liġi Nru 187 tal-2015 tippovdix protezzjoni effettiva | - partikolarment kumpens adegwat - għall-impjegati tal-AFAM li drittijiethom, skont il-klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas ġew miksura. Il-Qorti tar-rinviju staqsiet jekk il-miżuri previsti fil-Liġi Nru 187 tal-2015 humiex proporzjonati, suffiċjentement effettivi u dissważivi biżżejjed sabiex jiġi żgurat li l-klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol għal żmien fiss hix effettiva.

Is-Sur Rossato kien għalliem għal perjodu ta' ħdax-il sena u xahrejn, b'17-il kuntratt għal terminu fiss.

Għalkemm il-liġi Taljana, kif immodifikata mid-Digriet tad-Dinjità (Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 87 tat-12 ta' Lulju 2018, ikkonvertit u mmodifikat bil-Liġi Nru 96, tad-9 ta' Awwissu 2018) tippovdi li persuna impjegata fis-settur privat fuq sensiela ta' kuntratti għal terminu fiss għal perjodu totali ta' aktar minn 12-il xahar (u f'xi każijiet 24 xahar) għandha titqies bħala impjegata b'kuntratt għal żmien indefinit, l-impjegati fis-settur pubbliku huma esklużi minn din ir-regola.

Fil-2015 ġiet promulgata liġi Taljana (il-Liġi Nru 107 tal-2015) li mill-1 ta' Settembru 2016 tintroduċi limitu massimu ta' 36 xahar fuq it-tul ta' żmien ta' kuntratti għal terminu fiss u stabbiliet proċedura ta' reklutaġġ speċjali għall-persunal tat-tagħlim, li tippermetti l-“istabilizzazzjoni” ta' dak il-kuntratt. Dan ma jikkonvertix b'mod awtomatiku l-kuntratti suċċessivi għal terminu fiss f'kuntratt indefinit, iżda jipprevedi kuntratt ġdid għal żmien indefinit.

Fil-każ tal-ħaddiema tas-settur pubbliku, il-leġiżlazzjoni Taljana tipprevedi kumpens għad-dannu mġarrab f'żewġ forom, kumpens b'rata fissa, jew danni għat-telf ta' opportunitajiet favorevoli, iżda dan il-kumpens mhux applikabbli għas-settur tal-iskejjel. Milli jidher, ir-raġunament għal din id-differenza huwa li l-impjegati tas-settur pubbliku barra s-settur tal-iskejjel ma jistgħux jibbenefikaw mill-istabilizzazzjoni tal-kuntratt, filwaqt li l-impjegati tas-settur pubbliku impjegati fis-settur tal-iskejjel jistgħu (iżda biss wara d-dħul fis-seħħ tal-Liġi Nru 107 tal-2015).

L-imhalef tar-rinviju fil-kawża *Rossato* staqsa lill-QĠUE l-mistoqsija li ġejja:

“Il-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li din tipprekludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 1(95), (131) u (132) tal-Liġi Nru 107/2015 tal-Istat Taljan, li d-dispożizzjonijiet tiegħu jipprevedu, għall-għalliema, it-trasformazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat f'relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat għall-ġejjieni, mingħajr effett retroattiv u mingħajr kumpens għad-dannu, bħala miżuri li huma ta' natura proporzjonata, suffiċjentement effettiva u dissważiva sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja sħiħa tar-regoli tal-ftehim qafas għal dak li jikkonċerna l-ksur tiegħu permezz tal-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat suċċessivi matul il-perijodu preċedenti għall-perijodu li għalih il-miżuri previsti minn dawn ir-regoli huma intiżi sabiex jipproduċu l-effetti ta' għalhom?”

Is-sentenza mogħtija mill-QĠUE tiddikjara li:

- Il-konverżjoni tal-kuntratt abbużiv għal terminu fiss, waħedha, hija miżura effettiva li timpedixxi l-abbuż u, għalhekk, il-Ftehim Qafas ma jimponix kumpens għad-danni mgarraba qabel il-konverżjoni.
- Għalkemm is-settur tal-edukazzjoni juri ħtieġa partikolari għall-flessibbiltà, l-Istati Membri ma jistgħux jinjoraw l-obbligu li jstipulaw miżuri xierqa maħsuba biex jikkastigaw kif dovut l-użu ħażin ta' kuntratti suċċessivi ta' impjeg għal terminu fiss. Madankollu, il-Ftehim Qafas iħallilhom l-għażla ta' kif dan jiksibuh.

⁴ Il-Kawża C-494/17, *Rossato*, ECLI:EU:C:2019:387.

- Tali miżura li tikkastiga l-abbuż jenħtieġ li tkun proporzjonata u effettiva. Filwaqt li l-Istat Membru jista' jqis il-ħtiġijiet ta' ċertu settur, ma jistax jillimita b'mod eċċessiv l-effett retroattiv tal-anzjanità. L-anzjanità f'dan il-kuntest għandha tinftiehem li tqis is-snin maħduma b'kuntratti ta' impjeg għal terminu fiss fil-mument meta l-ħaddiem ikkonċernat jingħata d-dritt tal-kariga. Id-data minn meta tibda tingħata l-anzjanità għandha tqis it-tul ta' żmien tal-abbuż (f'dan il-każ aktar minn 11-il xahar).

Il-Kummissjoni eżaminat il-liġi nazzjonali Taljana rigward il-konformità tagħha mal-klawsola 4 u mal-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas u waslet għall-konklużjoni li mhijiex konformi ma' dawn id-dispożizzjonijiet. Għalhekk il-Kummissjoni bagħtet avviż ta' tqegħid fil-mora lill-Italja fis-25 ta' Lulju 2019. Għal aktar informazzjoni dwar dan il-proċediment, il-Kummissjoni tixtieq tirreferi għall-istqarrija għall-istampa tagħha tas-25 ta' Lulju 2019⁵.

L-ilmentaturi se jinżammu infurmati mill-Kummissjoni permezz ta' dan is-sit web⁶ dwar kwalunkwe segwitu li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tagħmel għal dan il-proċediment ta' ksur.

⁵ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/inf_19_4251

⁶ https://ec.europa.eu/info/about-european-commission/contact/problems-and-complaints/how-make-complaint-eu-level/joining-similar-complaints/decisions-multiple-complaints_mt